A.L. 176 ta' l-1998

ATT TA' L-1998 DWAR SELF LOKALI
(ATT NRU. XIII TA' L-1998)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI
(*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI)
(KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għall-Ħruġ ta' Lm20,000,000 addizzjonali 7.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2008 (IT-TIENI ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-1998 dwar Self Lokali u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, minħabba li kien hemm applikazzjonijiet iktar milli kien hemm *Stock*, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ awtorizza l-ħruġ addizzjonali ta' Lm20,000,000 7.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2008 (II) mal-Lm10,000,000 7.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2008 (II) maħruġin permezz ta' l-Avviż Legali Nru. 160 ta' l-1998 ippubblikat fid-19 ta' Ġunju, 1998, bl-istess kundizzjonijiet, sabiex b'hekk l-ammont totali ta' 7.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2008 (II) ikun ta' Lm30,000,000. Skond u għall-finijiet ta' paragrafu 5 ta' l-istess Avviż Legali il-kontribuzzjoni fil-Fond ta' Ammortizzament tiżdied minn Lm100,000 għal Lm300,000 kull sitt xhur.